MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 22/1988/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 22/1988 G1(PC)**

Saviour u Francis ahwa Cini u Carmela armla ta' Toni Cini bhala tuttrici u legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Beatrici xebba Cini kif awtorizzata b'digriet tal-Qorti t'Ghawdex Superjuri Civili gurisdizzjoni Volontarja tat-2 ta' Frar 1988, u b'nota tat-18 ta' Marzu 1993, Beatrice xebba Cini assumiet l-atti tal-kawza stante li ghalqet it-tmintax-il sena .

vs

Vincent Saliba.

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi ilhom ghal zmien twil jippossjedu l-bicca art fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex fil-kuntrada tax-Xwejni msejha “Tax-Xwejni” tal-kejl superficjali ta’ cirka mija u tlieta u sittin punt decimali disa’ metri kwadri (163.9mk) u tmiss minn naha tat-tramuntana ma’ triq tax-Xwejni minn naha tan-nofs inhar ma’ proprjeta’ tal-konvenut Vincent Saliba u huh Anton Saliba u minn naha tal-punent ma’ beni ta’ Francesco Axiaq .
Illi dan l-ahhar il-konvenut kemm personalment u kemm permezz ta’ terzi persuni illi kienu qed jagixxu fuq inkarigu tieghu qabdu u gabu l-ingenji bdew ihaffru u jaghmlu xoghlijiet ohrajn fl-istess bicca art u kontra l-kunsens tal-atturi .

Illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi tant illi l-atturi htegilhom jipprezentaw rikors ghall-hrug tal-opportun mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-konvenut, liema rikors jinsab pendenti quddiem dina l-Qorti u differit ghad-29 ta’ April tas-sena korrenti .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Dikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-istess konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi .
2. Jigi l-istess konventu ikkundannat jerga jisporga l-ispoll minnu kommess u jpoggi kollox inpristinu u kif kien qabel ma gie kommess l-istess spoll .
3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jergghu jpoggu kollox kif kien occorrendo taht id-direzzjoni ta’ perit

nominat li jigi ghal dan l-iskop nominat u kollox ghas-spejjez tal-istess attur .

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-22 ta' Dicembru, 1987, u tal-mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi kollha kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa minn Carmela Cini .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-konvenut ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi; ix-xoghol kollu maghmul minnu sar fil-proprjeta' komuni tieghu u ta' huh Antonio Saliba ;

2. Illi ghal kuntrarju kienu l-istess atturi illi spoljaw lill-konvenut b'xoghlijiet maghmula minnhom fi proprjeta' posseduta mill-atturi u ghal hekk ma ghandhomx jedd li jagixxu b'din il-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu .

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 1988 fejn innominat lill-avukat Dottor Paul Coppini bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut .

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Marzu 1995 fejn l-avukat Dottor Paul Coppini, li sadanittant gie elevat ghall-magistratura, gie sostitwit bl-avukat Dottor Carmelo Galea fl-istess inkarigu .

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Frar 1994 fejn kienet innominat lill-A.I.C. Albert Cauchi bhala perit tekniku sabiex jassisti lill-perit legali .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti pprezentata fl-20 ta' Jannar 2000 u mahlufa mill-perit legali fis-17 ta' Frar 2000 u mill-perit tekniku fit-2 ta' Marzu 2000 .

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ta’ spoll . Dwar kawza ta’ dan it-tip gie mfisser illi :

*“In tema legali jinghad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta’ utilita’ socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat ;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta’ ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista’ jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta’ Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza) . Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta’ Marzu 1943, in re “Francesco Mifsud vs Michele Cassar”; Vol. XXI. II. 83 P’Awla Civili, 20 ta’ April 1916, in re ‘Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.’ konfemata fl-Appell fis-26 ta’ Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta’ Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro*

*Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);…..”.*[1]

Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-Qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*) ;
(ii) li gie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u
(iii) li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

“*Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa’ minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*.”[2]

Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit biss jekk jezistux fil-kaz in ezami it-tliet elementi imsemmja . L-allegat spoll jikkonsisti fit-tqattiegh ta' blat minn feles art fit-triq tax-Xwejni, limiti taz-Zebbug, Ghawdex . Fir-relazzjoni taghhom l-esperti gudizzjarji, wara li jaghmlu analizi dettaljata tal-provi migbura[3] u jiccitaw mill-gurisprudenza lokali u dottrina legali in materia,[4] jaslu ghall-konkluzjoni illi : "*verament Vincent Saliba wettaq spoll ghad-dannu ta' l-atturi meta f'Dicembru 1987 huwa dahal fuq il-blata illi taghha l-atturi kellhom id-detenzjoni u beda jwettaq xoghlijiet fiha kontra l-volonta' taghhom*."[5] Sabiex waslu ghal din il-konkluzjoni gie kunsidrat illi :

*"A bazi tal-principji esposti fis-sentenzi fuq citati, jirrizulta illi huwa sufficjenti illi l-attur f'kawza ta' spoll ikollu anke l-*

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim’Awla : 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975 .
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I.86
[3] ara para . 4 sa 46 f'pagni .13 sa 73 tar-relazzjoni a fol. 290 - 341 tal-process .
[4] para. 47 sa 70 f'pagni 73 sa 87 tar-relazzjoni a fol. 341 - 355 tal-process .
[5] para. 73 tar-relazzjoni a fol. 358 tal-process .

*mera detenzjoni tal-haga li dwarha sar l-allegat spoll . Ma huwiex necessarju illi l-pussess jirrivesti fih l-elementi kollha ili huma imbaghad necessarji sabiex tali pussess ikun jista' jservi ta' bazi ghall-preskrizzjoni akkwisittiva ta' dik l-istess haga . Anke l-mera detenzjoni hija sufficjenti .*

*Issa fil-kaz odjen jirrizulta illi :*

*Carmela Cini u uliedha kienu jippretendu illi huma ghandhom il-pussess tal-blata avamposta ghall-art taghhom fix-Xwejni sa minn qabel ma l-konvenut Vincent Saliba beda bix-xoghlijiet tieghu .*

*L-istess Vincent Saliba kien konxju minn din il-pretensjoni u almenu implicitament ammetta u rrikonoxxa l-istat ta' fatt attwali meta diversi xhur qabel huwa mar ikellem lill-Monsjinjur Azzopardi sabiex jitolbu li jbeghlu parti minn din il-blata; u meta intavola rapport kontra Cini fis-sens illi dawn qeghdin iwettqu xoghol fi proprjeta' tal-Gvern .*

*Qabel ma Saliba beda x-xoghol fuq il-blata de quo, Cini kienu huma stess inkarigaw kuntrattur sabiex jaghmel xoghlijiet ohra. Infatti l-atturi jallegaw illi l-ewwel haga illi ghamel il-kuntrattur imqabbad minn Saliba kien illi nehha z-zewg viegi terrapien illi kienu poggew fil-blata fil-kors tax-xoghlijiet intraprizi mill-haddiema taghhom .*

*Saliba ghazel illi ma jikkontestax il-fatti allegati mill-atturi dwar l-okkazjoni ta' meta huwa allegatament avvicina lill-Monsinjur Azzopardi bil-proposta ta' l-akkwist ta' parti mill-blata, lanqas l-allegazzjoni taghhom illi originarjament huwa ippretenda illi x-xoghol Cini kienu qeghdin iwettquh fil-proprjeta' tal-Gvern u mhux dik tieghu; kif lanqas ikkontesta il-pretensjoni taghhom illi effettivament fuq il-blata de quo huma kellhom terrapien illi kien thalla hemm fil-kors tax-xoghol da parti tal-kuntrattur imqabbad minnhom .*

*Irrizulta illi Saliba beda x-xoghol tieghu fuq il-blata ghall-habta ta' nofs Dicembru tal-1987, izda certament wara l-14 ta' Dicembru . Dwar dan hemm ix-xhieda ta' l-atturi, l-*

*ittri ufficcjali spediti minnhom, u n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' Saliba innifsu .*

*Il-kawza ta' spoll giet prezentata fit-12 ta' Frar 1988, cioe' anqas minn xahrejn wara li nbeda x-xoghol lamentat .*

*Jirrizulta wkoll illi Vincent Saliba definittivament kien involut b'xi mod fix-xoghol li minnu qed jilmentaw l-atturi . Jista' jaghti l-kaz illi mieghu kien hemm involuti wkoll huh Anthony Saliba u r-ragel tat-tifla tieghu Francis Schembri illi kien qed jagixxi bhal negotiorum gestor fl-interess ta' Anthony Saliba . Hu x'inhu, pero' huwa cert illi Vincent Saliba fix-xoghol kollu kien involut u ghalhekk huwa in effetti kien u huwa l-legittimu kontradittur tal-atturi f'din il-kawza .*

*In-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut hija bazata unikament fuq l-allegazzjoni tieghu illi x-xoghol lamentat sar biss fi proprjeta' komuni tieghu u ta' huh Antonio Saliba . Jista' jaghti l-kaz illi dan huwa minnu ….. Izda ghall-finijiet tal-kawza ta' spoll, il-kwistjoni tal-proprjeta' hija totalment irrilevanti . Irid jigi ezaminat biss jekk l-atturi kellhomx almenu d-detenzjoni ta' l-immobbli illi dwaru sar l-allegat spoll, u jekk huma gewx b'xi mod disturbati f'dan l-ispoll*." [6]

Il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dawn il-konkluzjonijiet peritali u tadottahom *in toto* . Ghalhekk gialadarba jirrizulta illi l-elementi ta' kawza bhal din gew sodisfatti ghax :

1. gie pruvat li l-atturi kienu jekk mhux fil-pussess almenu fid-detenzjoni tal-bicca art (blata) in kwistjoni (*possedisse*) ;
2. gie anke ammess mill-istess konvenut li kien hu li permezz ta' haddiema inkarigati minnu nehha t-terrapien li kien ghadhom kemm tefghu l-atturi u qatta' l-blat fl-istess bicca art (*spoliatum fuisse*) ; u
3. il-kawza saret fi zmien xahrejn mil-ispoll (*infra bimestre deduxisse*), kif gie ampjament ippruvat

[6] para. 71 - 2 tar-relazzjoni a fol. 355 - 358 tal-process .

mill-provi prodotti;  ma jibqa' beda indagini ohra mehtiega ghall-iskop ta' din il-kawza .

Ghal dawn il-motiovi tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi u tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront taghhom .  Minhabba pero' l-impossibilita' tar-reintegrazzjoni shiha peress illi l-blat li gie distrutt ma jistax jigi ripristinat, tilqa' t-tieni u tielet talba limitatament fis-sens illi l-konvenut ghandu zmien xahar mil-lum jerga' jpoggi fl-art in kwistjoni  terrapien daqs kemm kienu tefghu l-atturi qabel ma twettaq dan l-ispoll u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu dan huma stess a spejjez tal-konvenut .

L-ispejjez ikunu kollha a karigu tal-konvenut .
S2288Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------